SAN GILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033
Tel : 21373111 Fax : 21373444
e-mail: sangiljan.lc@gov.mt

Rif  Minuti 25/K5/07

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 25/01/'07** **214**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 25/01/'07** **267**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 25 ta' Jannar 2007.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Ħames membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Lynette Portelli.

1.04 Skużat: Il-Kunsillier Edgar Montanaro u David Borg.

1.05 Kien hemm preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fid-19 ta' Jannar 2007. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Mawra tal-President
4. Rapport Finanzjarju
5. Rapport ta' Xogħolijiet
6. Karnival
7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheet

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq Minuti 24K5/07għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni ta' Minuti 24/K5/06.

1.3.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma: -

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 0036 | E-mail mingħand it-Traffic Management Unit rigward il-permessi tar-Residents Parking Scheme. |
| 0088 | Ittra mingħand il- MEPA rigward '*Urban Improvement Fund*'. |
| 0119 | E-mail mingħand Glenn Bugeja dwar siġar li ġew sponsorjati mill-HSBC. |
| 0166 | Leon Promotions hija nteressata li toffri s-servizzi tagħha, biex fil-bidu ta' l-istaġun sajfi ssir attivita` simili għan-'Notte Bianca' |
| 0183 | Ittra mingħand il-Kunsillier Karl Gouder rigward talba sabiex isiru qsari fi Triq il-Qalb Imqaddsa. |
| 0240 | Ċirkulari mingħand l-AKL dwar kalendarji għas-sena 2007 |
| 0265 | Tismija ta' triq ġdida li tgħaddi mill-konfini ta' San Ġiljan u ta' Pembroke. |
| 0274 | Il-Każin tal-Banda San Ġiljan jaċċetta l-istedina tal-Kunsill u interessat li jipparteċipa fil-Karnival li jiġi organizzat ġo San Ġiljan |
| 0287 | Rapport mingħand Patrick Calleja Architects rigward l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali |
| 0288 | Ittra mingħand Għaqda Sajjieda u Dilletanti Ġiljaniżi dwar oġġezzjonijiet għal applikazzjonijiet tal-MEPA |
| 0296 | E-mail mingħand Marvin Cuschieri rigward Twinning ma' Newcastle. |

0267 E-mail mingħand l-ADT rigward talbiet li għamel il-Kunsill.

0344 E-mail mingħand l-ADT rigward talbiet li għamel il-Kunsill.

0368 Ittra mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar *Bye-Laws* ta' l-2006 li jemendaw il-Bye-Laws dwar Xorb f'Kontenitur tal-Ħġieġ.

0384 Ittra mingħand l-Ombudsman rigward ilment mingħand Cloisters' Walk Owners'

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi: -**

2.02 Rif Nru. 0036

Saret riferenza għall-e-mail mingħand it-Traffic Management Unit rigward il-ħruġ tal-permessi tar-Residents Parking Scheme. Il-Kunsill ma qabilx mal-kontenut ta' l-ittra u għaldaqstant ġie deċiż unanimament li jibqgħu jinħarġu il-permessi skond id-deċiżjoni tal-Kunsill.

2.03 Rif. Nru. 0088

B'riferenza għall-ittra mingħand il-MEPA rigward '*Urban Improvement Fund*', il-Kunsill qabel unanimament li tintbagħat l-informazzjoni lill-M.P. & D.C. sabiex issir il-pjanta u l-istima biex isir l-embellishment tal-Ġnien u l-Bandli f'Saver Zarb.

2.04 Rif. Nru. 0166

Saret riferenza għall-e-mail mingħand Leon Promotions li hija nteressata li toffri s-servizzi tagħha, biex fil-bidu ta' l-istaġun sajfi ssir attivita` simili għan-'Notte Bianca'. Il-Kunsill qabel unanimanent li jsiru diskussjonijiet ma' min hu nteressat.

2.05 Rif. Nru. 0183

Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Kunsillier Karl Gouder rigward talba sabiex isiru qsari fi Triq il-Qalb Imqaddsa. Il-Kunsillier Karl Gouder informa lill-Kunsill li dawn il-qsari ġew sponsorjati minn persuna.

2.06 Rif. Nru. 0240

Saret riferenza għaċ-Ċirkulari mingħand l-AKL dwar kalendarji għas-sena 2007. Il-Kunsill qabel li dawn jinġabru.

2.07 Rif. Nru. 0265

Saret riferenza għall-e-mail li l-Kunsill irċeva dwar '**tismija ta' triq ġdida li**

**tgħaddi mill-konfini ta' San Ġiljan u ta' Pembroke'**. Il-Kunsill qabel unaniment li jibqa' jinsisti li din it-triq tissejjah Triq l-Unjoni Europea.

2.08 Rif. Nru. 0287

B'riferenza għar-rapport mingħand Patrick Calleja Architects, rigward l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, ġie deċiż unanimament li kopja ta' dan ir-rapport jintbagħat lill-Perit Lino Cachia għall-kummenti tiegħu.

2.09 Rif. Nru. 0267 u 344

Saret riferenza għall-e-mail mingħand l-ADT rigward talbiet li għamel il-Kunsill. Ġie deċiż unanimament li f'dawk il-punti fejn tinħtieġ aktar informazzjoni mill-Kunsill, is-Sindku jiltaqa' mal-Personell responsabbli 'on site'.

2.10 Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-prezz li kkwotalu verbalment il-kuntrattur Fix All biex jiġu provduti u nstallati 'rubber road humps' huwa ta' Lm 300.00 il-waħda mingħajr VAT. Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li fi Triq Alfred Gauci jsiru 'rubber road humps' mill-kuntrattur Fix All.

2.11 Rif. Nru. 0368

Saret riferenza għall-Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-proposti għall-*Bye-Laws* ta' l-2006 li jemendaw il-Bye-Laws dwar Xorb f'Kontenitur tal-Ħġieġ ta' l-2004. Ġie deċiż unanimament li din il-materja tiġi diskussa f'laqgħa oħra tal-Kunsill qabel tintbagħat risposta lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

2.12 Rif. Nru. 0384

B'riferenza għall-ittra mingħand l-Ombudsman rigward ilment mingħand Cloisters' Walk Owners', ġie deċiż unanimament li l-Ombudsman jiġi nfurmat li fil-preżent qed isir użu mill-garaxxijiet bla problemi, madankollu l-Kunsill lest li jiddiskuti ma' l-awtoritajiet kompetenti dwar din il-materja.

**2.1.01** Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex tiġi diskussa item 4 ta' l-aġenda qabel item 3.

**2.1.02** Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**4. Rapport Finanzjarju**

4.01 Il- Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tar-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2006. (Ara Appendiċi 'A')

4.02 L-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani flimkien mas-Segretarju

Eżekuttiv Helen Walker taw spjegazzjoni tar-rapport.

4.03 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2006.

4.04 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

4.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.06 Il-Kunsill unanimament irringrazzja lis-Sur Louis Padovani u lis-Sergretarju Eżekuttiv għax-xogħol siewi tagħhom.

**3. Mawra tal-President**

3.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-President ta' Malta l-Eċċelenza Tiegħu Dr. Edward Fenech Adami u s-Sinjura Tiegħu ser iżuru l-lokalita' nhar il-Erbgħa 28 ta' Frar u l-Ħadd 4 ta' Marzu 2007. Filwaqt li fl-10 ta' Frar 2007 il-President ser jinawgura l-ftuħ ta' Ġnien Spinola. Aktar informazzjoni ser tingħata aktar il-quddiem meta l-Kunsill jirċievi l-programm.

3.02 Ġie deċiż unanimament li għal din l-okkazjoni jinxtara rigal biex jiġi ppreżentat lill-Eċċelenza Tiegħu Dr. Edward Fenech Adami u li ssir bibita.

**5. Rapport ta' Xogħolijiet.**

5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tar-'Rapport tax-xogħolijiet fuq l-andament tal-Kunsill matul is-sena 2006 / 2007 kif ukoll il-pjan għas-sena li ġejja 2007 / 08. (Ara Appendiċi 'B' ).

5.02 Ġie deċiż unanimament li l-Kunsilliera jingħataw żmien sa nhar it-Tlieta 30 ta' Jannar 2007 biex iressqu xi emendi. Jekk sa dak in-nhar ma titressaq l-ebda emenda, ir-rapport jiġi approvat unanimament kif inhu.

**6. Karnival**

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa ma' l-organizzaturi nazzjonali tal-Karnival fejn ġiet diskussa l-attivita` tal-Karnival li ser isir, għal sena oħra konsekuttiva, fil-lokalita'. L-ispejjeż għal din l-attivita' ser jammontaw għal madwar Lm 832.00. (Ara appendiċi 'Ċ'). Il-Kunsill ser ikun responsabbli biex:-

- ✓ jipprovdi t-trasport
- ✓ jinforma lill-pulizija minħabba t-traffic management
- ✓ jippreżenta ċertifikati lill min jipparteċipa.

6.02 Ġew infurmati l-baned biex jekk huma nteressati jipparteċipaw.

6.03 Ġie deċiż unanimament li l-ammont ta' Lm 250 li hemm allokat għat-tlett baned jinqasam ugwalment bejn il-baned li jipparteċipaw.

## 7 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

7.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

7.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Ġie deċiż unanimament li s-Sur Carmelo Sciberras jibda jingħata Lm 20.00 kull tlett xhur biex itella' l-bandiera tal-Kunsill minflokk Lm 12.50. Dan b'effett minn pagament ieħor.

7.06 Ġie deċiż unanimament li l-pagamenti li l-Kunsill jirċievi sal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss jitħallsu u f'każ fejn ikun hemm bżonn iċ-ċertifikat tal-Contracts Manager, il-pagamenti jitħallsu wara li dawn jiġu ċ-ċertifikati minnu.

## 8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

8.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets min-numru 2204 sa 2212 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

8.02 Il-Kunsillier Norman Vella ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn-2204 sa 2212.

8.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9. Materji Oħra

9.01 Ġie deċiż unanimament li l-laqgħa tal-Lokalita' issir il-Ħamis 15 ta' Frar 2007 bejn is-6.00 p.m. u t-8.00 p.m. filwaqt li ta' Paceville Hamlet issir il-Ħamis 22 ta' Frar 2007 bejn is-6.00 p.m. u t-8.00 p.m.

9.02 Il-Kunsill ġie nfurmat li għalqu l-offerti għall-accountancy services u li ntefgħu ħames offerti ( Ara Appendiċi 'F').

9.03 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Richard Scicluna ppropona li tintagħżel l-offerta tas-Sur Louis Padovani.

9.04 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

9.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.06 Il-Kunsill ġie nfurmat illi l-laqgħa tas-sotto kumitat ta' l-attivitajiet ser issir fit-tieni ġimgħa ta' Frar.

9.07 Il-Kunsillier Karl Gouder ġie skużat fit 3.50 p.m.

9.08 Iċ-Chairman Peter Bonello għandu jkellem lis-Sur Borg tal-Cavallieri Hotel dwar il-passaġġ li jagħti għall-baħar.

9.09 Iċ-Chairman informa lill-Kunsill li kiteb lill-MEPA biex il-flus li ħallsu l-Cavallieri Hotel lill-MEPA jgħadduhom lill-Kunsill. Dan sabiex bihom il-Kunsill jagħmel il-pavimentar f'Xatt is-Sajjieda.

9.10 Ġie deċiż unanimament li:-

- ✓ jsir il-'bridge' ta' l-injam li hemm nieqes max-xatt in-naħa ta' Triq Ġ. B. Olivier.
- ✓ Tintbagħat ittra lill-Awtorita' dwar it-Trasport biex fi Triq San Ġorġ, in-naħa tad-Dahlia Real Estates, issir żebra crossing.

9.11 Il-Kunsilliera Irene Borg infurmat lill-Kunsill li ser torganizza 'self-funding activity' fl-10 ta' Frar 2007 kif ġej:-

- ✓ Żjara għall-Grotta ta' San Pawl fir-Rabat
- ✓ Quddiesa fil-kappella ta' San Pawl il-Baħar
- ✓ Ikla fis-San Pawl Hotel.

9.08 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fl-4.15 p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello | Helen Walker |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |